MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 925/2009

Forward Investments Limited (C 39195M).

Vs

Ziad Mohammed Abdallah Al Sous (Id.18052A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef, mija u sitta u hamsin ewro (€3,156), liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut kwantu ghal elf, mija u sitta u hamsin ewro (€1,156) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut fuq bejgh u konsenja ta' prodotti ta' delicatessen, u kwantu ghal elfejn ewro (€2,000) rapprezentanti ammont ta' flus indebitament imhallsa lill-konvenut mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax mid-data li

s-somma mitluba saret dovuta sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa 1. illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li ebda merkanzija ma giet konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut u ma thallas ebda ammont indebitament; 2. salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra l-affidavit ta' Khaled Yassine prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Ahmad Yassine prodott mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi kemm permezz ta' l-affidavits li gew ipprezentati kif ukoll tad-dokumenti kollha li gew esebiti, s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova dak li qed tallega u titlob permezz tal-kawza odjerna. Dana jinghad kemm fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghall-bejgh u konsenja ta’ prodotti ta’ delicatessen, kif ukoll fir-rigward tal-hlas tas-somma ta’ elfejn ewro li sar lill-konvenut mis-socjeta’ attrici, liema somma thallset indebitament peress li n-negozju bejn iz-zewg partijiet sfa fix-xejn.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut, alavolja inghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan, ma gab assolutament l-ebda provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu.

Illi in vista ta' dan kollu t-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mija u sitta u hamsin ewro (€3,156) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mil-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------